

## Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), hija annullata sa fejn tirrigwarda lil Stempher BV u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher CV.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-72/06)**

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-agħir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Limitu massimu ta' 10% tad-dħul mill-bejgħ — Proporzjonalità”

1. *Rikors għal annullament — Sentenza ta' annullament — Effetti — Annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Effetti fuq id-destinatarji li ma jkunux ippreżentaw rikors — Assenza (Artikoli 81 KE, 230 KE u 249 KE) (ara l-punt 20)*

2. *Proċedura — Tressiq ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Kundizzjonijiet — Motiv ibbażat fuq elementi rrivelati fil-mori tal-kawża — Dħulfis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona — Fatt ġidid li jiġġustifika l-introduzzjoni tardiva ta' lment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza — Esklużjoni (Artikolu 6 TUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 48; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikoli 44(1)(c) u 48(2)) (ara l-punti 27-30)*
3. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100 % minnha — Obbligi probatorji tal-kumpannija li tixtieq tikkonfuta din il-preżunzjoni (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 66-71, 92)*
4. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Ammont massimu — Kalkolu — Dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni — Dħul mill-bejgħ akkumulat tal-kumpanniji kollha li jifformaw l-entità ekonomika li taġixxi bħala impriżza — Obbligu għall-Kummissjoni li turi l-assenza ta' awtonomija tas-sussidjarji kollha tal-grupp — Assenza (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punti 106-115)*
5. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Iffissar tal-multa proporzjonalment għall-elementi ta' evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 128, 130, 131)*

## Suġġett

Talba għall-annullament parpjali u talba ta' tibdil tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Diċembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/38354 — Boroż industrijali), dwar akkordju fuq is-suq tal-boroż industrijali tal-plastik u talba ta' tibdil tal-imsemmija deċiżjoni.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Groupe Gascogne SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — ASPLA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-76/06)**

“Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81(1) KE — Skambji ta’ informazzjoni individwalizzata — Iffissar tal-prezzijiet u tal-kwoti ta’ bejgħ skont iż-żona ġeografika — Tqassim tal-klienti — Sottomissjonijiet miftiehma għal sejħiet għal offerti — Ksur uniku u kontinwat — Portata tal-agħir issanzjonat — Delimitazzjoni tas-suq ta’ prodotti u tas-suq ġeografiku — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi — Prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament u ta’ proporzjonalità — Ċirkustanzi aggravanti u attenwanti — Limitu massimu ta’ 10% tad-dħul mill-bejgħ”

1. *Kompetizzjoni — Akkordji — Ftehim u prattiki miftiehma li jikkostitwixxu ksur uniku — Impriżi li jistgħu jinstabu fi ksur li jikkonsisti fil-partecipazzjonif f’akkordju globali — Kriterji — Neċessità ta’ preżenza fuq it-territorji kollha koperti mill-akkordju — Assenza (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 22, 23, 30, 32, 66, 109)*
2. *Kompetizzjoni — Akkordji — Parteċipazzjoni f’laqqiha ta’ impriżi li għandhom għan antikompetittiv — Ċirkustanza li tippermetti, fl-assenza ta’ tbegħid mid-deċiżjonijiet meħħuda, li jiġi konkluż li l-impriża pparteċipat fl-akkordju sussegwenti (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 24)*